**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Vella]**

**vs**

**Joseph Debono**

**Kumpilazzjoni Numru: 54/17**

**Illum, 31 ta' Jannar, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Debono detentur tal-karta tal-identita` numru 198451M.

Akkuzat talli:

**1.** Nhar id-29 ta' Jannar, 2017, ghall-habta tas-1.30 ta' filghaxija gewwa residenza privata sitwata gewwa il-lokalita' ta' Santa Venera, bil-hsieb li jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' feriti ta' natura gravi fuq-il persuna ta' Carmen Camilleri u binha Neil Camilleri wera dan il-hsieb billi b'atti esterni ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt u volontarjament xejjer daqqiet ta' arma li taqta' u bil-ponta (sikkina) fuq il-gisem ta' l-imsemmija Carmen Camileri u Neil Camilleri, u li liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, **u dan bi ksur tal-Artikoli 41(1)(a), 64(1), 214, 215, 217 u 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**2.** U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, permezz ta' arma li taqta' u bil-ponta (sikkina), ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Carmen Camilleri u Neil Camilleri u dan skond ma' ccertifikat Dr. Luke Zammit M.D. (Reg. No. 3861) mill-Isptar Mater

Dei, **u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214, 215 u 221(1)(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**3.** U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel ingurji u theddid bi vjolenza lil Carmen Camilleri u Neil Camilleri b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni, **u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**4.** U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, flimkien mat-theddid bil fomm lil Carmen Camilleri u lil Neil Camilleri ghamel ukoll ordni jew kundizzjoni, **u dan bi ksur tal-Artikolu 249(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**5.** U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna kellu fil-pussess tieghu arma regolari u cioe' strument li jaqta' u bil-ponta, jew imitazzjoni ta' arma regolari, **u dan bi ksur tal-Artikolu 55(a) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**6.** U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zamm u/jew garr strument li jaqta' u bil-ponta, jew imitazzjoni ta' arma regolari, **u dan bi ksur tal-Artikolu 55(a) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**7.** U aktar talli f'diversi hinijiet matul il-gurnata tad-29 ta' Jannar, 2017 gewwa dawn il-gzejjer, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li ser jaghmel reat jew ghamel uzu mhux xieraq bih, **u dan bi ksur ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.399 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**8.** U aktar talli f'diversi hinijiet matul il-gurnata tad-29 ta' Jannar, 2017, gewwa dawn il-gzejjer, gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Carmen Camilleri u Neil Camilleri u b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li l-ghemil tieghu kien ta' fastidju ghal dawn il-persuni, **u dan bi ksur ta' l-Artikolu 251A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni:

Sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghndhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

Bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offizi cioe' Carmen Camilleri u Neil Camilleri, jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuni msemmija u l-familji taghhom minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta'

protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artiklu 412C tal-Kap. 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-persuni offizi u l-familji taghhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; i

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 41(1)(a), 64(1), 214, 215, 217, 218, 221(1)(2), 339(1)(e), 249(2) u 251A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 55(a) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotta kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante illi l-imputat ikkopera mal-prosekuzzjoni u wera d-disposizzjoni tieghu li jibda programm appozitu qed issib lill-imputat Joseph Debono hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih, bl-aplikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin flimkien ma' Ordni ta' Supervizjoni, ghall-ewwel(1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5), is-seba' (7) u tmien (8) akkuza kif dedotti kontrih, filwaqt li ghas-sitt (6) akkuza tikkundannah ghal multa ta' mija u ghoxrin Ewro (€120).

Il-Qorti qieghda wkoll timponi wkoll Protection Order li ghandha tifforma parti intergrali minn din is-sentenza.

Inoltre, qed tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-arma (Dok RV6).

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta. Inoltre tordna tordna komunika tal-Ordni ta' Supervizjoni lid-Direttur tal-Probation Services u Parole.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**